FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Ottubru, 2001

**Numru 18**

**Avviz. numru 983/01JR**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Mary Doris Gauci**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Settembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija disgha u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm179.50), liema ammont huwa dovut lis-socjeta` attrici n konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 244762 (skond ma jirrizulta mill-anness Dokument A) u liema servizz gie nstallat fil-fond li jgib in-numru 9, Triq San Guzepp, Valletta, u dana skond ma jidher mill-anness "service agreement" market Dok.B.**

**Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda**

baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta’ l-ittra ufficjali.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma pprezentatx risposta fir-rigward, u lanqas ma dehret.

Semgha x-xhieda tal-P.L.Noel Scerri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Art.13(b) ta’ l-Att V ta’ l-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta’ mija disgha u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm179.50), bl-imghaxijiet legali mid-29 ta’ Settembru, 2001.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

Dr Joseph Refalo
GUDIKATUR